

50 Sena Konsagrazzjoni Knisja San Franġisk Birkirkara Ott. 1963

# Il-Wejter fil-Kuntest ta' Birkirkara

Philip Xuereb

Is-Suq tar-Raħal, Fuq u Taħt il-Pont, Wara l-Prepostu u Wara l-Għassa jew - aktar reċenti – Wara l-Iskola, Taħt il-Loġġa, kollha huma nomenklaturi ta' nħawi f'Birkirkara li ma sabux ruħhom fin-nomenklatura uffiċċjali, ngħidu aħna bħal Ħas-Sajjied (b'xi mod), il-Laqxija, inkella l-istess Wejter (Triq il-Wejter). Mhux hekk imma Pjazza Infern – parti minn Triq l-Imsida u probabbilment, parti mill-eqdem nett ta' Birkirkara. Ta' Birkirkara għaliha u distinta wkoll minn Ħas-Sajjied, ismu miegħu lokalità oħra fiż-żmien imbiegħed, u anqas ma ngħid raħal kif nifhmu llum. Għalkemm illum Birkirkara u Ħas Sajjied ħaġa waħda, u ilhom hekk.

Għax wieħed irid jipprova jħaddem it-*time machine* ta' moħħu u jittanta jara ftit, bil-ħjiel u l-evidenzi li għadhom possibbli, kif kienu dawn l-inħawi u għax u għaliex illum jissejħu hekk, anke jekk normalment naċċettaw l-isem, bl-amment, u bil-Malti tal-lum *we take it for granted* (iva din ukoll bil-Malti tal-lum – fortunatament jew sfortunatament) bla ma wisq inħabblu moħħna kif u mnejn ġie jew x'jista' jfisser dak l-isem.

Għax Birkirkara u l-Wied minn dejjem, f'moħħ in-nies, kienu biex ngħidu hekk inseparabbli. Mhux bħal ngħidu aħna Ħaż Żebbuġ, jew is-Siġġiewi, imdawrin bil-widien, imma fl-istess ħin merfugħin minnhom kemm ġeofiżikament u kemm fil-psike tan-nies tagħhom. Forsi dan hu hekk anke għaliex, sa minn żmien ilu ħafna, l-abitat ta' Birkirkara kien jinfirex fuq iż-żewġ naħat tal-Wied. Ovvjament mhux fl-estensjoni li naraw illum – xi ħaġa li żviluppat relattivament reċentement meta fl-1883 kien beda s-servizz tal-ferrovija. Imma dik il-parti, dak in-nukleu abitat tal-parti t'isfel ta' Triq l-Imrieħel. U wkoll għax fuq dik in-naħa l-oħra tal-Wied, għal madwar tliet sekli u nofs, Birkirkara kellha wkoll il-knisja parrokkjali tagħha. L-ewwel dik medjevali li kienet tkabbret fl-ewwel nofs tas-seklu sittax, imbagħad il-Knisja l-Qadima li naraw illum, kif mibnija minn Dun Filippu Borg.



Il-pont li kien jgħaqqad b'xi mod, dawn iż-żewġ naħat tal-Wied fi Triq il-Knisja l-Qadima u li kien tneħħa fl-1900[1] kien diġa hemm fis-seklu sbatax għax insibu referenza għalih fl-1696. Dik is-sena, il-prokuraturi tal-knisja (l-qadima) kienu talbu lill-Grammastru, Fra Adrien de Wignacourt, biex jiftħu l-pont tal-wied li kien jagħti għal dik il-knisja, *biex ikunu jistgħu jgħaddu l-bhejjem minn dik il-fetħa li ssir, minflok ma jgħaddu, kif kienu qabel, minn fuq il-pont, li kull ħin seta' jiġġarraf.* Il-Grammastru tahom il-permess jagħmlu dan fl-14 ta' April ta' dik is-sena.[2]

1 *Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana* (1977) p.102.
2 Vella E.B. *Storja ta' Birkirkara...* (1934) p. 170.



Nafu imma li l-Karkariżi kienu jilmentaw mal-Isqof f'xi Żjara Pastorali, kemm kinilhom diffiċli li jaqsmu l-Wied biex imorru l-knisja parrokkjali, speċjalment fix-xitwa.[3] Dawn naturalment il-Karkariżi tan-naħa tat-Tramuntana tal-Wied. Dan jiffigura f'akkwarell ta' pittur Ingliż tas-snin tletin tas-seklu dsatax, ir-Rev. David Markham. Il-pontijiet l-oħrajn li għadna naraw illum ġew wara, fis-sekli dsatax u għoxrin.

Wieħed irid jifhem ukoll li Birkirkara kienet sa minn ilu ħafna, fuq it-triq ewlenija bejn il-Belt Valletta u n-naħa ta' ġewwa jew tal-Majjistral tal-gżira. Wieħed irid jifhem ukoll li Triq Mannarino għad m'ilhiex 100 sena li saret, u li meta saret kellha biex ngħidu hekk il-funzjoni ta' bypass. Għax it-traffiku li kien ikun ġej min-naħa tat-tliet irħula u aktar 'l hinn min-Naxxar,il-Mosta u l-Mellieħa, wara li jmiss il-Wied kien jitla' mit-telgħa ta' ħdejn il-knisja ta' San Pawl (bidu ta' Triq il-Kbira) u kien ikompli tul Triq l-Imsida sakemm jaqbad it-Triq fil-Wied lejn l-Imsida. Fejn jiltaqgħu dawn iż-żewġ toroq, sa fis-snin sebgħin kien għadu jarma s-suq. Hu għalhekk li ħafna Karkariżi għadhom isibu din in-naħa bħala *s-Suq tar-Raħal.*



Ma nafux jekk kinux ittieħdu ritratti tal-post qabel ma saret ir-rampa li biha tibda triq Mannarino. Imma bejn wieħed u ieħor, qabel ma saret din it-triq, qabel ma tela' l-bini fl-inħawi u qabel iċ-ċementifikazzjoni ta' qiegħ il-wied, possibilment hawn kien jixbah ħafna l-parti ta' ġewwa tal-Wied tal-Lunzjata f' Għawdex. U t-triq wieqfa msemmija Triq il-Wejter li titla' minn fejn il-Wied kien jidjieq, tressaqna lejn it-tifsira ta' dan l-aħħar toponimu, li ġieli kien applikat għall-inħawi kollha, inkluż fejn illum hawn il-patrijiet.

Għax il-kelma Wejter hija toponimu jew isem ta' fil-forma diminuttiva, jiġifieri juri ċokon. Ġej mill-kelma ***watar***. Propjament tfisser musrana dejqa inkella lenza rqiqa imma b'estensjoni hija applikata għal parti tal-Wied fejn dan jidjieq dik li bit-Taljan tissejjaħ *gola* (gerżuma) u bl-Ingliż *gorge,* li fl-oriġini Franċiż tagħha wkoll tfisser gerżuma. U f'postijiet bħal dawn aktarx li wieħed isib ħaġa tant essenzjali għall-ħajja tal-bniedem – l-ilma. Għalkemm mhux bilfors li fiċ-ċirkustanzi tal-klima f'Malta, dan kien ikun is-sena kollha.

Ma jfissirx li l-estensjoni abitata minn dejjem kienet bħal tal-lum, meta anke dik il-parti li konna nafuha bħala *l-Wied tal-Qasab,* inbelgħet kollha mill-bini. Hemm bini li hu reċentissimu. Għadd ta' bini ieħor imur għas-snin immedjati ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija (inkluża dil-knisja u l-kunvent tal-patrijiet). U jekk wieħed jifli l-bini l-ieħor mill-istil tal-arkitettura, jagħraf djar tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, tas-seklu dsatax u tas-seklu tmintax fost oħrajn.

3 Ibid., p. 213.



Forsi ma' dawn tal-aħħar konna nistgħu ngħoddu d-dar kbira li kien hemm fejn illum hemm Triq Gazzija. Kienu jsibuha bħala d-*dar tal-ħares* (Deacon 1981). Iżda din id-dar, ma' djar jew fondi oħra jmissu magħha, disgħa b'kollox, kienet intlaqtet bil-bombi tal-għadu fi ħbit mill-ajru nhar it-13 ta' April tal-1942, l-eqlel sena tal-Gwerra għal-Malta. Wara dik tal-bomba ta' Triq Santu Rokku, din kienet waħda mill-akbar disgrazzji li kienu laqtu lil Birkirkara matul dak il-konflitt. Kienu ntradmu u mietu tnax-il persuna, u għadd ieħor sfaw feruti. Ironikament xi wħud minn dawn kienu hawn bħala refuġjati!

Jekk nerġgħu naqbżu qabża lura ġmielha fiż-żmien, insibu li f'dawn l-inħawi wkoll kien hawn żewġ knejjes, li kienu ħajt ma' ħajt – ħaġa li kienet komuni ħafna u għad hawn xi wħud hekk sal-lum ukoll.[4] Dawn kienu ddedikati lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna u lil San Nikola. Iżda dawn kienu ġew ipprofanati mill-Viżitatur Mons. Pietro Dusina fl-1575, minħabba l-istat ħażin ħafna li kienu jinsabu fih. Wieħed irid jiftakar li dan kien biss għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, meta Birkirkara kienet reġgħet tħarbtet għat-tieni darba mit-Torok, wara l-ħbit qabel ta' Sinan u Dragut fl-1551. Kien għadu, biex ngħidu hekk iż-żmien tar-rikostruzzjoni. Ħafna nies kienu mietu wara s-Swar fejn kienu stkennu jew messhom jagħtu servizz. Waqt li oħrajn forsi anqas biss kienu għadhom ġew lura lejn f'Birkirkara.



Struttura oħra fl-inħawi li hi ta' ċerta antikità, bla dubju huwa t-Torri tal-Wejter. Jingħad li f'Birkirkara kien hawn xi tlettax-il torri fis-seklu sbatax. Illum għad fadal ieħor biss, dak ta' Għar il-Ġobon. Huma differenti mhux biss fid-daqs, imma probabbilment anke fil-funzjoni. Imdorrijin kif aħna bit-torrijiet tal-għassa ta' max-xtut, aktarx li nagħtu lil dawn it-tnejn ukoll u lill-oħrajn li m'għadhomx jeżistu, funzjoni militari. Iżda mhux bilfors. Kienu jinbnew torrijiet bħala parti minn djar fortifikati għalli dak iż-żmien seta' jinqala', bħat-Torri Gauci fin-Naxxar, it-Torri tal-Qrendi u dak li fadal mit-Torri Vincenti fl-Imqabba. Dawk li kellhom xi jroxxu ma kinux jibqgħu lura milli jagħmlu hekk. Hekk ukoll aktarx li kien it-Torri ta' Għar il-Ġobon u t-tnax l-oħra li m'għadhomx jeżistu, li setgħu kienu fl-abitat innifsu ta' Birkirkara. Abitazzjonijiet b'torrijiet simili jinsabu wkoll fuq gżejjer tal-kosta tad-Dalmazja, illum il-Kroazja.

4 Cfr: In-Naxxar (S. Luċija u l-Vitorja u fejn sa xi 60 sena ilu kien hemm tnejn oħra), l-Imqabba (San Bażilu u San Mikiel), Ħal Luqa (Santa Marija tal-ftajjar u l-Vitorja), Ħaż-Żabbar (Santa Duminka u Sant'Andrija). Ġieli anke tlieta bħal f'Ħal Balzan (Il-Lunzjata l-qadima, Santu Rokku u San Anard li m'għadhiex tiffunzjona bħala tali)

Imma mhux hekk it-Torri tal-Wejter, għalkemm iżgħar sew. Sa xi mitt sena ilu kien għadu waħdu fir-raba' u għalkemm mhux kbir u għoli ħafna, kien jgħasses it-triq antika li mill-Imsida kienet twassal għal Birkirkara. Huwa veru li t-triq ma kinitx dritta u wiesgħa kif inhu llum (partijiet minnha għadhom jingħarfu 'l ġewwa fuq il-ġnub, daqqa 'l hawn u daqqa 'l hinn. Imma anqas ma kienet magħluqa u mgħottija mis-siġar kbar tal-fikus li tħawwlu mal-ftuħ tat-triq il-ġdida f'Ġunju tal-1962. Tagħrifa li sibt, għalkemm ma tikkorroborax is-sors, tgħid li dan it-torri kien inbena fl-1710 fuq il-parir tal-Kavallier d'Argens.[5] Allura minn fuq dan it-torri setgħet tintlemaħ xi theddida f'bogħod biżżejjed li seta' jingħata allarm lir-raħal. Jista' jkun li dan it-torri inbena hemm ukoll għax in-nies li kien ikun imisshom għassa, billi dan kien maqtugħ mir-raħal, riedu li jkollhom ċerta protezzjoni għalli jista' jkun.





Fis-seklu sbatax ukoll f'dawn l-inħawi seta' kien hawn kunzerija tal-ġild. Mhux bil-fors, iżda indikattiv jista' jkun l-isem ta' Sqaq Qrejżu - bl-Għarbi kunzar tal-ġild. U forsi dan li qed ngħid jista' jkun korroborat mill-fatt li meta fl-1637 l-Isqof Balaguer ordna lil Gio. Maria Gilestri li jagħmel kwadru ġdid għall-knisja ta' San Pawl tal-Wied, dan inkluda fih ukoll lil San Krispin u Krispinjanu, protetturi tal-iskrapar u dawk li jaħdmu fil-ġild. Tarf ieħor jista' jittieħed minn dak li l-Grammastru Antoine de Paule kiteb b'mod negattiv fuq Birkirkara lil Ruma fl-1635, wara t-twaqqif tal-Kolleġġjata – jekk f'Birkirkara dak iż-żmien kien hemm kunzerija, allura, seta' kellu xi ftit tar-raġun, għalkemm xorta ma kienx ġustifikat li jiddenigra r-raħal kollu.

Karatteristika li ħafna drabi ssib fil-widien huma l-pontijiet biex taqsam minn naħa għal oħra. Diġà semmejna l-pont l-antik li kien jgħaqqad iż-żewġ partijiet ta' Triq il-Knisja l-Qadima. Fl-1868 il-Kumitat Distrettwali kien talab lill-Gvern *biex isir irpar fit-telgħat taż-żewġ toroq li bejniethom kien hemm dal-pont l-antik.* Fl-1854 kien beda l-bini tal-Pont tal-Wejter li tlesta s-sena ta' wara.[6] Imbagħad minħabba t-traffiku fl-1900 tneħħa l-pont l-antik kif semmejna, u nbena dak li issa jgħaqqad Triq Santu Rokku ma' fejn eventwalment ġew jaqbdu Triq Mannarino u Triq Fleur de lys. L-aħħar pont li nbena kien dak ta' biswit din il-knisja sew fl-1976.

Imbagħad f'dawn l-inħawi kien hawn tnejn mill-ewlenin servizzi tal-Gvern f'Birkirkara. Waħda kienet l-Għassa tal-pulizija li kienet xi mkien f'salib it-toroq bejn Triq Santu Rokku u Triq l-Imsida, hekk li għal żmien dawk l-inħawi kienu magħrufin bħala *ħdejn l-għassa l-qadima.* L-ewwel indikazzjonijiet tal-preżenza tal-Pulizija f'Birkirkara jmorru lura għall-1813, fil-bidu tal-Korp innifsu, meta minn fuq Malta kienet għal darb'oħra għaddejja imxija tal-pesta. Jidher li din l-għassa kienet damet hemm sal-1878 sakemm insab sit ieħor fi Triq il-Kbira.[7]

5 Deacon J.A., *Birkirkara Tagħrif* (1982) p.43.
6 Zammit W.L.' *Birkirkara fis-seklu XIX* (1995) p. 39.
7 Ibid., p.30.

Kien hemm ukoll l-Iskola Primarja li f'Birkirkara bdiet tiffunzjona fl-1842.[8] Din kienet fid-dar kbira f'dik il-fergħa ta' Triq l-Imsida int u nieżel minn Triq Santu Rokku, li xi darba kienet propjetà tal-patrijott Karkariż Vincenzo Borg magħruf bħala Brared. F'din id-dar illum hemm l-Isitut Saint Vincent de Paul. Irid jingħad ukoll li meta l-popolazzjoni tat-tfal li kienu jmorru jitgħallmu kibret fid-dħul tas-seklu ta' wara, u kienet tintuża wkoll dar oħra faċċata tagħha, sakemm inbniet l-iskola *l-ġdida* fi Triq Brared.



Imbagħad meta fl-1931 infetħet Triq Mannarino, fejn għad hemm għadd ta' bini b'arkitettura tipika ta' dik il-ħabta li ta' min jibża' għalih, infetħet hemm il-funderija tal-brunżar Vincenzo Sammut, li kienet magħrufa bħala *Artistic Foundry*. Din kienet damet topera aktarx sal-bidu tas-snin sebgħin. Fost l-oħrajn fis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor kienu nħadmu fiha l-istatwi-leġiji ta' San Ġwann l-Evanġelista u San Pawl li jinsabu fuq il-prebiterju tal-Bażilka ta' Santa Liena. Din it-triq ukoll maż-żmien kisbet dak l-aspett kummerċjali li għadna naraw fiha sal-lum.

8 Ibid.' p. 31.

